**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2019/2207(INI)**

4.9.2020

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u tal-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri
(2019/2207(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Javier Zarzalejos



Magħquda fid-diversità

PR_INI_ImplReport

## WERREJ

**Paġna**

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET ........................................3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................8

## NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

**Proċedura u sorsi**

Id-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) hija l-ewwel strument ta' rikonoxximent reċiproku fil-qasam kriminali tal-UE, u għaldaqstant l-istrument fejn teżisti l-akbar ammont ta' esperjenza fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku. Id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-Artikoli 31(a) u (b) u l-Artikolu 34(2)(b) ta' dak li kien it-TUE, u kienet proposta mill-Kummissjoni fl-ambitu ta' dak li kien it-tielet pilastru. Din kellha tiġi trasposta sal-31 ta' Diċembru 2003. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom 16-il sena esperjenza ma' dan l-istrument. L-Istati Membri kollha jipparteċipaw f'dan l-istrument. Dan ir-rapport jirrappreżenta opportunità biex nivvalutaw kif il-mekkaniżmu stabbilit mid-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA ġie applikat fl-Istati Membri kkonċernati.

Kif intqal hawn fuq, dan l-istrument huwa msejjes fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, li jfisser li l-Mandati ta' Arrest Ewropej maħruġa fi Stat Membru partikolari jridu jiġu rikonoxxuti u inforzati b'mod dirett fi Stat Membru ieħor, għajr f'ċerti każijiet speċifiċi.

Dan ir-rapport se janalizza:

- l-ostakoli misjuba fl-implimentazzjoni fil-livell tal-Istati Membri;
- ir-rabta ma' strumenti komplementarji;
- l-isfidi marbuta mad-diversità ta' miżuri li l-Istati Membri jistgħu japplikaw fl-eżekuzzjoni tal-Mandati ta' Arrest Ewropej;
- l-impatt tal-istrument f'termini tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali;
- rakkomandazzjonijiet dwar kif jistgħu jiġu megħluba d-diversi sfidi esperjenzati fl-implimentazzjoni.

Ir-Rapporteur ġabar l-informazzjoni u bbaża ruħu fuq is-sorsi li ġejjin, fost l-oħrajn:

- skambju ta' fehmiet estensiv mal-partijiet ikkonċernati fil-laqgħa tal-Kumitat LIBE li saret fl-20 ta' Frar 2020;
- Valutazzjoni tal-Impatt Ex-Post mis-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari fi ħdan il-PE, li ġiet ippubblikata f'Ġunju 2020;
- skambju ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Kummissjoni Ewropea, l-aġenzija Eurojust, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, persuni mid-dinja akkademika (inkluż ir-rapport tal-2016 tal-PE dwar il-MAE) u prattikanti li jużaw l-istrument;

- ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2020.

**Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-MAE**

Mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/UE dwar il-MAE fl-2004, jeżisti ammont sostanzjali ta' data, għalkemm xi drabi jeżisti problemi relatati mal-koerenza tad-data miġbura u biex din tinftiehem b'mod korrett, pereżempju d-diverġenza statistika bejn il-Mandati ta' Arrest Ewropej maħruġa u dawk infurzati, fejn is-sempliċi qari tan-numri joħloq l-impressjoni żbaljata li r-rata ta' konformità hija baxxa. Dan mhux il-każ, kif spjegat mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, jeżisti għadd komprensiv ta' sentenzi nazzjonali u tal-Qorti tal-Ġustizzja li jkomplu jiċċaraw xi kwistjonijiet u juru l-ħtieġa ta' titjib jew konsolidazzjonijiet possibbli. Barra minn hekk, prattikanti u korpi tal-UE, bħal pereżempju l-aġenzija Eurojust, ġabru ammont sinifikanti ta' għarfien espert: Eurojust ippubblikat ktieb ta' ġwida tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-MAE. Il-kwistjoni ġiet ukoll analizzata sostanzjalment minn xi NGOs, bħal pereżempju l-Fair Trials International, ir-rapport tal-2016 tas-CCBE tal-2016 u oħrajn.

Abbażi ta' din id-data, jista' jiġi stabbilit li bħala prinċipju ġenerali, l-MAE jiffunzjona b'mod sodisfaċenti. Madankollu, xi oqsma, permezz tal-applikazzjoni tal-istrumenti, wrew il-ħtieġa għal aktar kjarifiki. Dawn jittrattaw:

- Id-definizzjoni ta' *ne bis in idem*; fil-passat, il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet b'mod ċar il-kwistjoni tan-nonrikonoxximent obbligatorju msejjes fuq *ne bis in idem* fl-Artikolu 3(2) tal-MAE, fejn kellha tiġi ċċarata l-kwistjoni ta' "l-istess atti" u "l-eżekuzzjoni tas-sanzjoni".

- Il-kwistjoni ta' diversi Mandati ta' Arrest Ewropej minn Stati Membri differenti u l-ordni tagħhom;

- Il-kwistjoni tal-proporzjonalità – il-ħruġ ta' Mandati ta' Arrest Ewropej għal reati minuri f'xi Stati Membri; din il-kwistjoni ġiet indirizzata permezz tal-Manwal tal-MAE;

- Il-kwistjoni ta' raġunijiet addizzjonali għal nonrikonoxximent mhux previsti b'mod espliċitu fid-Deċiżjoni Kwadru tal-MAE u marbuta mad-drittijiet fundamentali, bħal pereżempju l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet jew l-indipendenza tal-ġudikatura; ġie ċċarat mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-Artikolu 3 tal-KEDB (l-Artikolu 4 tal-Karta) japplika għalkollox fir-rigward tal-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet kif ukoll ċerti salvagwardji bażiċi ta' proċess ġust, bħall-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura fejn il-QtĠ-UE użat standard eħfef għall-valutazzjoni (mhux iċ-ċaħda flagranti tal-ġustizzja tal-QEDB);

- Diffikultajiet relatati mad-definizzjoni ta' awtorità ġudizzjarja: il-QtĠ-UE ċċarat li l-awtoritajiet emittenti jistgħu jkunu biss prosekuturi u mħallfin indipendenti; f'dak ir-rigward, l-aġenzija Eurojust ħejjiet gwida għall-interpretazzjoni tas-sistemi ta' prosekuzzjoni nazzjonali differenti;

- Il-kwistjoni tal-kriminalità doppja fir-rigward tal-valutazzjoni ta' reati barra mil-lista ta' 32 reat li għalihom ġiet eskluża l-kriminalità doppja;

- Il-kwistjoni tal-koerenza ma' strumenti oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-persuna ssuspettata, bħad-Direttiva dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi

proċedimenti kriminali, id-Direttiva dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali u d-Direttiva dwar l-aċċess għal avukat, kif ukoll fir-rigward ta' strumenti oħra ta' rikonoxximent reċiproku, bħad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea, jew id-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew:

- - Il-kwistjoni ta' fehim komuni ta' ċerti kunċetti tal-MAE, bħal fehim komuni tal-Mandati ta' Arrest Ewropej matul proċedura kriminali (u l-kunċett ta' "lest għall-proċess), il-ħruġ ta' reati aċċessorji, it-termini u rekwiżiti ta' notifika, eċċ.

**Sejbiet ewlenin u rakkomandazzjoni tar-Rapporteur**

Abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, ir-Rapporteur jixtieq jindika dan li ġej:

a. Kwistjonijiet ġenerali

Is-sistema tal-MAE, skont l-istatistika disponibbli, hija suċċess, u l-problemi limitati eżistenti ma jpoġġux dan f'dubju. Wieħed mill-punti ewlenin ta' valur miżjud huwa l-applikabbiltà għall-Istati Membri kollha tal-UE; f'dak ir-rigward, kwalunkwe korrezzjoni u titjib għandhom iqisu dan u jibnu fuqu.

b. Kwistjonijiet legali tal-passat, ir-rwol tal-QtĠ-UE u għodod oħra tal-liġi mhux vinkolanti

Ammont sinifikanti ta' kwistjonijiet legali miftuħa jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' domandi preliminari; abbażi ta' dawn it-tweġibiet, tfasslet id-definizzjoni ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti" (qrati u prosekuturi indipendenti); il-projbizzjoni tat-tortura, it-trattament inuman u degradanti fir-rigward tal-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet kif ukoll l-importanza tal-indipendenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali ġew enfasizzati; ġie ċċarat il-prinċipju ta' *ne bis in idem*; kif ukoll il-konnessjoni ma' strumenti oħra (dwar ir-rikonoxximent ta' sentenzi ta' ħabs), eċċ. Barra minn hekk, fil-passat il-mistoqsijiet setgħu jiġu ċċarati permezz ta' miżuri tal-liġi mhux vinkolanti, bħal manwali tal-MAE, avviżi ta' informazzjoni tal-aġenzija Eurojust, taħriġ ta' mħallfin u esperti.

c. Il-kriminalità doppja u żvilupp ulterjuri tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

Il-kriminalità doppja ppreżentat diffikultà f'ċerti każijiet, prinċipalment fir-rigward tal-interpretazzjoni differenti tal-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika u l-kwistjoni tal-kategorija ta' 32 reat li għalihom m'għandha ssir l-ebda verifika; donnu li tinħtieġ ċerta kjarifika prattika u ġudizzjarja f'dan ir-rigward. F'dan ir-rigward, fid-dawl ta' integrazzjoni ulterjuri, għandha

titqies il-possibbiltà li titkabbar il-lista ta' 32 reat (pereżempju reati ta' mibegħda jew reati kontra l-ordni pubbliku u l-integrità kostituzzjonali tal-Istati Membri) jew saħansitra approċċ differenti fi ħdan id-Deċiżjoni Kwadru tal-MAE dwar il-kwistjoni b'hekk imsejħa "lista negattiva" kif previst fl-Artikoli 27/28 tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni dwar il-MAE (COM(2001)0522 final). Il-Kummissjoni kienet qalet li fl-ambitu tal-Artikolu 27, kull Stat Membru jista' jfassal lista ta' forom ta' kondotta li għalihom huwa jiddikjara minn qabel li se jirrifjuta li jesegwixxi mandati ta' arrest Ewropej (sistema ta' "lista negattiva"). Din il-lista tista' tinkludi forom ta' kondotta li ma jikkostitwixxux reati fl-Istat Membru li jagħmel il-lista, iżda huma reati fi Stati Membri oħra. Tipikament, din il-lista jaf tinkludi reati li ġew dekriminalizzati matul is-snin (l-abort, l-użu tad-droga, l-ewtanażja, eċċ.) Id-dekriminalizzazzjoni f'dawn il-każijiet tista' titqies bħala r-riżultat ta' dibattitu demokratiku fl-Istat li, konsegwentement, ma jibqax jaqbel li jikkoopera ma' Stati oħra li jkun għadhom jittrattaw dawk il-forom ta' kondotta bħala reati kriminali. Il-lista se tkopri wkoll aspetti aktar ġenerali tar-responsabbiltà kriminali, bħall-età minima għar-responsabbiltà. Il-lista ta' reati prevista b'dan l-Artikolu trid tiġi kkomunikata lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni, u trid tiġi ppubblikata. Iżda se jkunu meħtieġa mill-inqas tliet xhur wara l-pubblikazzjoni tal-lista qabel ma l-Istat Membru jkun jista' joqgħod fuq l-eċċezzjonijiet inklużi fiha.

d. Koerenza

Ir-Rapporteur iqis li waħda mill-kwistjonijiet ewlenin hija l-koerenza tal-applikazzjoni. Sikwit, il-kwistjoni ma tkunx id-Deċiżjoni Kwadru dwar l-MAE bħala tali iżda prinċipalment il-fatt li xi kunċetti jinftiehmu b'modi differenti u l-ħtieġa min-naħa tal-Kummissjoni li toffri ċerta gwida u, jekk ikun meħtieġ, li tibda proċedimenti ta' ksur biex tipprevedi fehim komuni;

F'dak ir-rigward huwa importanti li jkun hemm viżjoni koerenti ċara għal-liġi kriminali tal-UE u r-rikonoxximent reċiproku fil-liġi kriminali, filwaqt li jitqies ukoll il-livell eżistenti ta' armonizzazzjoni tad-drittijiet proċedurali u fundamentali fil-liġi kriminali. Viżjoni koerenti tirrikjedi li fi strumenti differenti ta' rikonoxximent reċiproku tiġi applikata l-istess soluzzjoni, għax xogħol frammentat każ b'każ la hu leġiżlazzjoni tajba u lanqas ma hu ta' għajnuna għall-prattikanti. Pereżempju l-użu ta' raġunijiet obbligatorji u fakultattivi għal nonrikonoxximent fid-Deċiżjoni Kwadru dwar l-MAE u raġunijiet fakultattivi biss fi strumenti oħra, l-użu u d-definizzjoni sistematiċi ta' raġuni tad-drittijiet fundamentali għal nonrikonoxximent u l-istess katalogu ta' raġunijiet għal nonrikonoxximent, eċċ.

Il-kwistjonijiet ta' koerenza identifikati għandhom jiġu indirizzati permezz ta' miżuri prattiċi (taħriġ tal-prattikanti), liġi mhux vinkolanti (manwali u rakkomandazzjonijiet), u possibilment leġiżlazzjoni mmirata ħafna (definizzjoni ta' awtorità ġudizzjarja, *ne bis in idem*, drittijiet fundamentali, eċċ.) u leġiżlazzjoni supplimentari (arrest preventiv); Anke għal tul ta' żmien medju u twil, għandu jiġi stabbilit kodiċi tal-UE f'materji kriminali.

e. Taħriġ

It-taħriġ huwa wieħed mill-komponenti ewlenin għal applikazzjoni adegwata tal-MAE. Matul dawn l-aħħar snin sar ħafna xogħol minn pjattaformi bħall-EJTN, b'kofinanzjament mill-Kummissjoni, li introduċew taħriġ speċjali għall-imħallfin u l-prosekuturi dwar l-istrumenti ta'

rikonoxximent reċiproku tal-UE u taħriġ fil-lingwi. Sfortunatament, mhux l-Istati Membri kollha u l-iskejjel tal-ġudikatura kollha jipparteċipaw regolarment f'taħriġ bħal dan. F'dan ir-rigward għandha tiġi kkunsidrata pjattaforma addizzjonali tal-UE, li tinkludi l-Istati Membri kollha tal-UE, maħsuba għall-iskambju ta' informazzjoni u t-tagħlim, inkluża ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza nazzjonali differenti tal-MAE.

f. Armonizzazzjoni tad-drittijiet u l-garanziji proċedurali u l-fiduċja reċiproka

Sikwit, il-problema mhix id-Deċiżjoni Kwadru dwar l-MAE iżda n-nuqqas ta' fiduċja reċiproka minħabba n-nuqqas ta' ċerti drittijiet u standards proċedurali fundamentali komuni. Saru ċerti kisbiet permezz tas-sitt direttivi dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni ssuspettati, id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-vittmi u l-armonizzazzjoni ta' ċerti reati kriminali fl-ambitu tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE. Madankollu, bħala prijorità, il-leġiżlazzjoni li tissupplimenta għandha tiġi vvalutata fil-qasam tal-ammissibbiltà tal-evidenza (l-importanza ta' standards komuni fir-rigward ta' sentenzi finali u r-rikonoxximent reċiproku tagħhom) u saħansitra aktar fir-rigward tal-arrest preventiv. Għall-kundizzjonijiet fil-ħabs fil-fażi tal-arrest preventiv teżisti bażi legali fl-Artikolu 82(2) tat-TFUE. Dawn l-istandards għandhom jimmiraw għall-ogħla standards possibbli u mhux għad-denominatur komuni l-aktar baxx. Għandu jiġi evitat, bħalma ġara fil-passat fil-każ ta' xi direttivi, li jiġu pprovduti eċċezzjonijiet mhux ċari li jippermettu lill-Istati Membri jużawhom b'mod wiesa' (bħal limitazzjonijiet għal dritt għal avukat fil-fażi ta' qabel il-proċess). F'dak ir-rigward, bħala kwistjoni ta' urġenza l-Kummissjoni għandha twissi lill-Istati Membri li ma ttrasponewx l-istandards komuni u jekk ikun meħtieġ, tibda proċedimenti ta' ksur. Hija biss l-aderenza sħiħa ma' standards maqbula b'mod komuni li tista' trawwem il-fiduċja reċiproka.

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-implimentazzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u tal-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri**
**(2019/2207(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 82 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri[1],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża[2],

– wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri(COM(2005)0063 u SEC(2005)0267, COM(2006)0008 u SEC(2006)0079, COM(2007)0407 u SEC(2007)0979 u COM(2011)0175 u SEC(2011)0430),

– wara li kkunsidra l-verżjoni riveduta tal-manwal dwar il-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-UE[3] u tas-27 ta' Frar 2014 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-Mandat ta' Arrest Ewropew[4],

– wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali tal-Kunsill tal-2009 għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali[5]

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali[6],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

---

[1] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.
[2] ĠU L 81, 27.3.2009, p. 24.
[3] ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 82.
[4] ĠU C 285, 29.8.2017, p. 135.
[5] ĠU C 295, 4.12.2009, p. 3.
[6] ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1.

22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali[7],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà[8],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew[9],

– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS), ta' Ġunju 2020, dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2020 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (COM(2020)0270),

– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew li tlestiet f'Jannar 2014, fuq talba tal-EPRS, dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew,

– wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2009 dwar ir-raba' ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi – l-applikazzjoni prattika tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja korrispondenti bejn l-Istati Membri,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-26 ta' Settembru 2019 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (COM(2019)0560),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2018 fuq ir-rikonoxximent reċiproku f'materji kriminali – "Promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku bit-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka"[10],

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025) (COM (2020)0258),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-

[7] ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1.
[8] ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1.
[9] ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1.
[10] ĠU C 449, 13.12.2018, p. 6.

Ġustizzja Kriminali (Eurojust)[11],

– wara li kkunsidra l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, tal-2002,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1) (e) u l-Anness 3 tad-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2020),

A. billi l-MAE huwa proċedura ta' konsenja ġudizzjarja simplifikata u rapida li, sa mill-varar tagħha, kienet l-istrument emblematiku u l-aktar użat għar-rikonoxximent reċiproku fi kwistjonijiet kriminali;

B. billi l-MAE huwa suċċess u ssostitwixxa l-estradizzjonijiet bi trasferimenti; billi t-trasferimenti tqassru għal 40 jum bħala medja fejn l-individwu ma jagħtix il-kunsens tiegħu;

C. billi l-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE dwar kwistjonijiet kriminali hija bbażata fuq ir-rikonoxximent reċiproku introdott mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-1999; billi t-Trattat ta' Lisbona biddel b'mod sinifikanti l-prerogattivi tal-UE u pprovda bażi ġuridika espliċita fl-Artikolu 82 tat-TFUE;

D. billi r-rikonoxximent reċiproku mhuwiex ġdid iżda ġie żviluppat fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-persuni, is-servizzi u l-kapital (il-loġika *Cassis de Dijon*);

E. billi r-rikonoxximent reċiproku jfisser ir-rikonoxximent dirett ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji minn Stati Membri oħra, bin-nuqqas ta' rikonoxximent bħala eċċezzjoni; billi dan jinvolvi wkoll kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti;

F. billi r-rikonoxximent reċiproku huwa konsegwenza tal-fiduċja reċiproka bbażata fuq fehim komuni tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali; billi t-tisħiħ tal-fiduċja huwa essenzjali biex il-MAE jopera mingħajr xkiel;

G. billi l-MAE huwa l-pedament għall-istabbiliment ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; billi l-applikazzjoni skorretta tiegħu jista' jkollha effetti devastanti fuq il-funzjonament taż-żona Schengen;

H. billi Unjoni ta' ugwaljanza li tipproteġi jeħtieġ tiżgura l-protezzjoni għall-vittmi kollha tal-kriminalità[12];

[11] ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.
[12] Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-25).

I. billi l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet imqajma mill-applikazzjoni tal-MAE ġew iċċarati mill-QtĠ-UE, bħal *ne bis in idem*[13], l-awtorità ġudizzjarja[14], is-supremazija u l-armonizzazzjoni tal-UE[15], l-indipendenza tal-ġudikatura[16], id-drittijiet fundamentali[17], il-kriminalità doppja[18] u l-estradizzjoni taċ-ċittadini tal-UE lejn pajjiżi terzi[19];

J. billi l-kriminalità doppja hija kunċett tal-estradizzjoni internazzjonali u mhix kompatibbli mar-rikonoxximent reċiproku; billi l-lista ta' reati mingħajr verifika tal-kriminalità doppja għandha tiġi vvalutata mill-ġdid; billi fil-proposta inizjali tagħha, il-Kummissjoni fittxet lista eżawrjenti li għaliha l-konsenja tista' tiġi rrifjutata ("lista negattiva");

K. billi r-rikonoxximent reċiproku jeħtieġ armonizzazzjoni tad-dritt u l-proċedura materjali kriminali; billi f'dawn l-aħħar snin sar progress, bħas-sitt direttivi dwar id-drittijiet proċedurali, id-Direttiva 2012/29/UE dwar id-drittijiet tal-vittmi[20], u l-armonizzazzjoni tar-reati kriminali;

L. billi hemm diffikultajiet b'ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u l-MAE;

M. billi strumenti oħra ċċaraw xi kwistjonijiet relatati mal-MAE, bħad-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew[21] u r-Regolament (UE) 2018/1805 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska[22];

N. billi r-rikonoxximent reċiproku jirrikjedi li l-prattikanti jitħarrġu fid-dritt tal-UE;

O. billi l-faċilitazzjoni u l-koordinazzjoni mill-aġenzija Eurojust urew li huma għodda siewja għar-rikonoxximent reċiproku; billi l-mandat tal-aġenzija Eurojust huwa indipendenti mill-UPPE;

P. billi t-tqabbil tad-data juri xejra ta' żieda fil-Mandati ta' Arrest Ewropej;

Q. billi implimentazzjoni armonizzata tal-MAE se tipprevjeni l-għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni;

***Valutazzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni tal-MAE***

1. Jindika li l-MAE huwa kisba kbira u strument effettiv u indispensabbli; jiddikjara li l-

---

[13] C-261/09, *Mantello*.
[14] C-453/16 PPU, *Özçelik*; C-452/16 PPU, *Poltorak*; C-477/16 PPU, *Kovalkovas*; Kawżi Magħquda C-508/18 u C-82/19 PPU, *OG u PI*.
[15] C-399/11, *Melloni* jew C-42/17, *M.A.S. u M.B*.
[16] C-216/18 PPU, *Minister for Justice and Equality*.
[17] Kawżi Magħquda C-404/15 u C-659/15 PPU, *Aranyosi u Căldăraru*; C-128/18, *Dorobantu*.
[18] C-289/15, *Grundza*.
[19] C-182/15, *Petruhhin*, sentenza tas-6 ta'Settembru 2016; C-191/16, *Pisciotti,* sentenza tal-10 ta' April 2018; C-247/17 *Raugevicius*, sentenza tat-13 Novembru 2018 u C-897/19 PPU, *Ruska Federacija*, Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tat-2 April 2020 eċċ.
[20] ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.
[21] ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1.
[22] ĠU L 303, 28.11.2018, p. 1.

MAE tejjeb sostanzjalment il-kooperazzjoni fir-rigward tal-konsenji;

2. Jinnota l-eżistenza ta' problemi partikolari; iqis li dawn ma jixħtux dubju fuq is-sistema;

3. Jinnota li dan it-tip ta' problemi jirrigwardaw il-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet, il-proporzjonalità, l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja[23], it-termini[24] u d-deċiżjonijiet *in absentia*; jirrikonoxxi li ċerti każijiet qajmu l-kwistjoni ta' kriminalità doppja[25];

4. Jinnota li l-kwistjonijiet ġew solvuti permezz ta' taħlita ta' liġi mhux vinkolanti (manwal dwar il-MAE), valutazzjonijiet reċiproċi, l-assistenza tal-Eurojust, il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE u leġiżlazzjoni supplimentari (id-Deċiżjoni Qafas 2009/299/JHA u d-Direttiva 2013/48/UE);

5. Jindika li l-MAE għandu jissaħħaħ peress li l-Istati Membri kollha jieħdu sehem fih;

6. Jinnota li t-Trattati (Protokolli 21 u 22) jipprovdu status speċjali lil żewġ Stati Membri: l-Irlanda għandha għażla ta' inklużjoni fakultattiva u d-Danimarka ma tiħux sehem fid-dritt kriminali tal-UE; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-konsistenza fil-ĠAI;

7. Jenfasizza li l-MAE m'għandux jintuża ħażin għal reati minuri; iħeġġeġ l-użu ta' strumenti legali inqas intrużivi; jindika li l-awtoritajiet emittenti għandhom iwettqu verifiki tal-proporzjonalità;

8. Jenfasizza li skont il-QtĠ-UE, ir-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' MAE huwa eċċezzjoni għar-rikonoxximent reċiproku u jrid jiġi interpretat b'mod strett[26];

***Rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-funzjonament tal-MAE***

9. Jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi data li tista' tinftiehem, għax id-data eżistenti toħloq konfużjoni u tista' toffri impressjoni falza tal-effiċjenza (jew ta' nuqqas ta' effiċjenza) tal-Mandati ta' Arrest Ewropej; jistieden lill-Istati Membri jiġbru d-data u jgħadduha lill-Kummissjoni;

10. Jirrimarka li verifika tal-kriminalità doppja tillimita r-rikonoxximent reċiproku u, skont il-QtĠ-UE, trid tiġi interpretata b'mod restrittiv; jinnota li r-rikonoxximent reċiproku idealment għandu jaħdem b'mod awtomatiku[27];

11. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza reati komuni fl-Istati Membri u tivvaluta l-possibbiltà li tespandi l-lista ta' reati li ma jeħtiġux verifika tal-kriminalità doppja; jenfasizza l-importanza li tiġi vvalutata l-inklużjoni ta' reati addizzjonali bħal reati ambjentali partikolari (eż. reati ta' tniġġis ikkawżat minn vapuri), reati ta' mibegħda, abbuż sesswali, reati mwettqa b'mezzi diġitali bħal serq tal-identità, reati kontra l-ordni pubbliku u l-integrità kostituzzjonali tal-Istati Membri, delitti ta' ġenoċidju, delitti

[23] QtĠ-UE, C-579/15, *Popławski*.
[24] QtĠ-UE, C-168/13 PPU, *Jeremy F.*
[25] Bi gwida minn C-289/15, *Grundza*, li tirreferi għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI.
[26] Ara, pereżempju, il-Kawża C-216/18 PPU, *Minister for Justice and Equality*.
[27] Ara, pereżempju, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-26 ta' Lulju 2000 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Deċiżjonijiet Finali f'Materji Kriminali (COM(2000)0495).

kontra l-umanità u delitti tal-gwerra;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-possibbiltà li jitnaqqas il-limitu ta' tliet snin fl-Artikolu 2(2) tal-MAE għal ċerti reati, bħat-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa, bil-ħsieb ta' integrazzjoni ulterjuri, l-istabbiliment ta' lista eżawrjenti li għaliha l-konsenja tista' tiġi rrifjutata ("lista negattiva") minflok il-lista ta' 32 reat;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara reati aċċessorji jew relatati;

15. Jenfasizza l-importanza li jiġu definiti b'mod aktar preċiż id-dmirijiet u l-kompetenzi tal-korpi involuti fil-proċeduri tal-MAE u li jiġi żgurat li dawn ikunu speċjalizzati u jkollhom esperjenza prattika; jafferma li marġni wiesa' ta' diskrezzjoni għall-awtorità ta' eżekuzzjoni ftit li xejn huwa kompatibbli mar-rikonoxximent reċiproku; iqis li d-diskrezzjoni għandha tkun limitata f'każijiet ta' kriminalità doppja;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta t-traspożizzjoni tal-MAE u strumenti oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u tibda proċedimenti ta' ksur fejn meħtieġ;

17. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw il-MAE u l-istrumenti legali alternattivi dwar materji kriminali fil-ħin u b'mod xieraq;

18. Jinnota r-rapport inkwetanti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti tal-MAE; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mad-Direttiva u tieħu miżuri xierqa biex tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha;

19. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu flessibilità għar-reġimi tal-lingwa tal-MAE;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi applikazzjoni uniformi u monitoraġġ effettiv tat-termini;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura finanzjament adegwat għall-aġenzija Eurojust u n-Network Ġudizzjarju Ewropew għall-faċilitazzjoni u l-koordinazzjoni tal-MAE; jinnota li l-pjanijiet baġitarji tal-Kummissjoni għall-aġenzija Eurojust kienu jwasslu għal staġnar fil-finanzjament minkejja żieda fl-ammont ta' xogħol;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament xieraq għat-taħriġ tal-prattikanti tal-MAE, inklużi l-pulizija, il-prosekuturi, il-ġudikatura u l-avukati difensuri; jinnota l-valur tal-programmi tan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju, bħas-simulazzjonijiet tal-MAE u t-taħriġ lingwistiku;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tvara pjattaforma ta' taħriġ għall-esperti u l-prattikanti dwar l-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku, inkluż il-MAE; jafferma li għandha tipprovdilhom għarfien dwar ir-relazzjoni mill-qrib bejn l-istrumenti, inkluż spazju komuni għall-iskambju tal-esperjenzi;

24. Jinnota li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, inkluża l-konformità fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, tista' tittejjeb bl-użu tat-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni; jitlob li tiġi żviluppata bażi tad-data ċentralizzata dwar l-applikazzjoni nazzjonali tal-MAE (bħal f'oqsma oħra tad-dritt tal-UE)[28];

25. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-opinjonijiet tal-parlamenti nazzjonali f'konformità mal-Protokoll 2, peress li l-parteċipazzjoni tagħhom tipprovdi kontroll demokratiku fuq id-dritt kriminali tal-UE;

***Rakkomandazzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali***

26. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw l-obbligi tal-Artikolu 2 tat-TUE (dwar id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi);

27. Jinnota li għalkemm l-Artikolu 7(1) tat-TUE jista' jkollu impatt fuq ir-rikonoxximent reċiproku, skont il-QtĠ-UE, l-awtorità ta' eżekuzzjoni jeħtieġ tivvaluta f'kull każ speċifiku jekk hemmx raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li, wara l-konsenja, il-persuna ser tkun f'sogru li jiġu miksura d-drittijiet fundamentali tagħha; jissottolinja li l-iskattar tal-Artikolu 7(1) tat-TUE ma jammontax b'mod awtomatiku għal nuqqas ta' rikonoxximent;

28. Itenni l-importanza ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, fil-forma ta' ftehim interistituzzjonali li jikkonsisti f'rieżami annwali indipendenti u bbażat fuq l-evidenza biex tiġi vvalutata l-konformità tal-Istati Membri kollha tal-UE mal-Artikolu 2 tat-TUE, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

29. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ strumenti supplimentari dwar id-drittijiet proċedurali, bħal pereżempju dwar l-ammissibilità u l-kundizzjonijiet fil-ħabs fl-arrest preventiv, it-tqabbil jew il-qbiż tal-istandards tal-KtE, inklużi t-termini għall-arrest preventiv; jiddikjara li l-Kummissjoni għandha timmira għall-ogħla standards;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni ta' *ne bis in idem* u azzjoni leġiżlattiva possibbli;

31. Jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura;

32. Jindika li n-nuqqasijiet fil-MAE jistgħu jwasslu għal ċaħda ta' aċċess għall-ġustizzja u nuqqas ta' protezzjoni għall-vittmi; jenfasizza li l-impunità, bħala riżultat ta' nuqqasijiet fil-kooperazzjoni ġudizzjarja, għandha impatt negattiv ħafna fuq l-istat tad-dritt, is-sistemi ġudizzjarji u s-soċjetà;

***Għal qafas legali koerenti tal-MAE***

33. Jiddikjara li l-MAE huwa effettiv; jemmen, madankollu, li l-kwistjoni ewlenija hija

[28] Ara l-Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea tal-EPRS, ta' Ġunju 2020, dwar il-MAE.

relatata mal-koerenza;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi għal politika koerenti dwar ir-rikonoxximent reċiproku biex jiġu evitati tweġibiet differenti għall-istess kwistjonijiet;

35. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju trasversali tal-istrumenti sabiex jiġu evitati anormalitajiet, bħal fil-każ tar-regoli dwar it-trasferiment ta' priġunieri u l-Mandati ta' Arrest Ewropej;

36. Jiddikjara li l-kwistjonijiet ta' koerenza jridu jiġu indirizzati permezz ta' miżuri prattiċi (taħriġ tal-prattikanti), liġi mhux vinkolanti (manwali u rakkomandazzjonijiet), leġiżlazzjoni mmirata ħafna (id-definizzjoni ta' awtorità ġudizzjarja, ne bis in idem, drittijiet fundamentali, eċċ.) u leġiżlazzjoni supplimentari (arrest preventiv);

37. Jirrakkomanda, fuq perjodu ta' żmien medju, il-promozzjoni ta' kodiċi ġudizzjarju tal-UE fi kwistjonijiet kriminali biex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali u l-koerenza;

***Il-Brexit***

38. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli n-negozjati mar-Renju Unit sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni li tiggarantixxi kooperazzjoni effettiva fi kwistjonijiet kriminali;

o

o o

39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.